# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 6 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 34.**
**Citazz. Nru. 1672/99 JRM**

**GENERAL PRECAST CONCRETE LIMITED**

**vs**

**Leli AZZOPARDI.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf sitt mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax-il centezmu (Lm658.19) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete* maghmula lilu fuq inkarigu tieghu stess, kif jirrizulta mill-fattura annessa Dok. "A";

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1998, dan baqa' inadempjenti;

Illi l-kreditu huwa certi, likwidu u skadut u s-socjeta' attrici kkonfermat il-kreditu b'affidavit (Dok. "B") a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li fil-fehma taghha l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispenza tas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l- artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,658.19) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal forrnituri ta' *precast concrete*;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1998, u bl-imghax, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi;

Il-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvent u li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmienja u hamsin lira maltin u dsatax-il centezmu (Lm1,658.19) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' *precast concrete,* u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1998, u bl-imghax, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi kontra l-konvenut.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Marzu, 2001.**